MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 141/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Rita Labandero**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u hamsin liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm255.52) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici in konnessjoni mal-*mobile phone* bin-numru 99867260.

Bl-ispejjez u bl-interessi, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment kontra l-konvenuta mid-data ta' meta l-ammont pretiz fl-Avviz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta gie regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u hamsa u hamsin liri Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm255.52), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------